MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2006

Numru. 35/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Cassar)**

**versus**

**Nazarenu Abela**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Nazarenu Abela ta' 62 sena iben il-mejtin Nazarenu u Angela nee' Bondin imwieled Ħal-Għaxaq fis-17 ta' Jannar 1941 u joqgħod fl-indirizz numru 24 Triq San Xmun il-Fgura detentur tal-karta ta' l-identita' numru 61341 (M)

Akkużat talli

Fix-Xgħajra limiti ta' Ħaż-Żabbar nhar l-Erbgħa 7 ta' Jannar 2004 għall-ħabta ta' xi s-sitta w kwart ta' fil-għodu:

(i) Bla ordni skond il-Liġi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-Liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew ssekwestra lil "A" minn Ħaż-Żabbar, liema persuna għandha l-eta' ta' ħdax-il sena kontra l-volonta' taħgha liema delitt sar bħala mezz biex persuna tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess taħgha;

(ii) Bi vjolenza u b'għemil żieni, ikkorrompa lill-imsemmija "A" liema delitt sar bi ħsara ta' persuna li ma għalqitx l-eta' ta' tnax-il sena u liema delitt sar minn persuna li lilu, mqar jekk għal xi żmien, ikun ġie fdat il-minuri sabiex jieħu ħsiebu, jindukrah jew iżommu;

(iii) ikkommetta attentat vjolenti għall-pudur fuq l-istess minuri "A".

2. Il-Qorti ntalbet ukoll, sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta' ta' l-imsemmija "A" u tal-familjari tagħha, jew sabiex iżżomm il-buon ordni pubbliku flimkien mal-piena applikabbli skond ir-reat, torbot lill-istess Nazzareno Abela b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' soma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi ċ-ċertifikat tat-twelid 613/1941 ta' l-imputat, il-fedina penali tiegħu, l-istqarrija ta' l-imputat (fol.16), l-incident report (fol.22), iċ-ċertifikat ta' "A" (fol.71) li twieldet fit-18 t'April, 1992, l-artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali fit-28 ta' Marzu 2005 (fol.128), ir-risposta ta' l-imputat li huwa m'għandu ebda oġġezzjoni li l-każ tiegħu jinstema' bi proċedura sommarja - risposta li kkonferma wara li ngħatalu żmien sabiex jerġa' jaħsibha;

4. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

5. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli Prosekutur u ta' l-abbli Difensur

Ikkonsidrat

## Il-Fatti Ewlenin

6. Il-fatti fil-qosor huma dawn. "B" rrapurtat fl-Għassa ta' Ħaż-Żabbar li fis-7 ta' Jannar 2004 bintha l-minuri "A" ta' 11-il sena **MINORENNI** (isimha ma jistax jixxandar) kienet abbużata sesswalment mix-xufier tal-minibus GMY 113 fix-Xgħajra limiti ta' Ħaż-Żabbar meta kienet fi triqitha lejn l-iskola. It-tifla kienet infurmat lill-Pulizija fil-preżenza t'ommha li t-tifla kienet qed tgħix man-nanna tagħha u li titlaq għall-iskola fis-6.00 a.m. permezz ta' minibus. Ix-xufier jiġbor lil "A" l-ewwel u jmur fin-naħħiet tat-tifla tiegħu. Dak in-nhar ħadha f'parti differenti fix-Xgħajra, limiti ta' Ħaż-Żabbar. Huwa kien ipparkja l-minibus u daħal mill-bieba minn fejn kienu jidħlu t-tfal. Mar ħdejn il-minorenni u qabdilha idejha bejn il-pali ta' jdejh, biesha fuq xefftejha u hi bdiet tgħidlu 'Ħallini! Ħallini!'.

7. Huwa niżel u imbagħad reġa' fetaħ il-bieba għal darb'oħra, poġġa bil-qegħda ħdejha u qagħad kwiet għal ħames minuti. Imbagħad, bla ebda eżitazzjonijiet beda jikkarezzalha sidirha kif ukoll saqajha. Hi qamet biex taħrab iżda l-imputat reġa' qabadha minn sidirha u tefagħha lura fuq is-seat, sabbatha lura fuq is-seat fejn tpoġġiet bil-qegħda b'ċerta forza. L-imputat ukoll ħabbtilha daharha mas-sit fejn kienet bil-qegħda. Meta tefagħha fuq is-sit l-imputat reġa' beda jikkarezzaha u jbagħbas fiha kif kien qed jagħmel qabel u reġgħet bdiet tgħajjat iktar. Meta semagħha tgħajjat, huwa qalilha 'All right.' Ħallieha tinżel mill-minibus u bdiet tibża' li ser isawwatha minħabba li ma ħallitux ikompli jagħmel dak li hu kien beda jagħmel. Hi marret tiġri iżda l-imputat qabbad il-vann u beda jgħidilha biex titla'. Hi qatgħet nifisha. Kien għadu qed ibexbex u talbitu lift biex iwassalha d-dar fejn fil-fixla biex tiġri għalqet idejha mal-bieba.

8. Mill-indaġini tal-Pulizija rrirżulta li l-vann kien ta' "E" mill-Fgura u li kien qabbad lill-imputat isuq il-minivan fl-aħħar erba' xhur.

## L-Istqarrija ta' l-Imputat.

9. L-imputat għamel stqarrija fit-12 ta' Jannar 2004 fejn stqarr li kien isuq il-vann GMY-113 minn Ħaż-Żabbar għall-Egyptian School. Huwa kien iwassal lil "A" u kien imur jiġborha bejn is-6.15p.m. u s-6.30 a.m. ta' filgħodu. Huwa kien imur għand it-tifla tiegħu (waqt li "A"kienet tkun fil-vann) iżda ma kienx idum għand bintu. Fid-data ta' l-inċident huwa kien mar għand bintu iżda ma fetħitx. Huwa qal li kien daħal ħdejn "A"u qagħad iparla magħha. Is-soltu kien ikellimha minn fuq is-sit tiegħu. Dak in-nhar kien dam qisu ħames minuti. Huwa qagħad jogħrkilha jdejha għaliex bdiet tħoss il-bard. Imbagħad żied li kien qabdilha (laqatha) kuxxtejha. F'sidirha ma kienx jaf laqathiex iżda seta' jkun. L-imputat qal li ma deherlux li t-tifla kienet għajtet u nsista li kien laqat sider u kuxxtejn it-tifla. Fuq xofftejha kien biesha biss. Imbagħad ammetta li qabdilha rasha, dawrilha wiċċha u biesha. Mistoqsi kienx ittantah id-demonju, l-imputat qal 'Hekk hu.' Dak il-ħin kien għadu kemm beda jbexbex. Huwa ammetta wkoll li t-tifla kienet imbuttatu 'l hemm u qamet. L-imputat qal li t-tieni darba kien waqaf. Huwa kien mar darb'oħra għand nannitha għax kien inkwetat. Huwa qal li dak li kienet qalet it-tifla kien kollu minnu.

10. PS 1130 Alexander Schembri ikkonferma li "B", li tiġi omm "A", kienet għamlet rapport fis-sens li t-tifla kienet molestata mix-xufier li kien jieħu t-tfal l-iskola. (Ara fol.23 fejn il-fatti jaqblu perfettament ma' dak li jidher hawn fuq).

11. Xehdet ukoll "A" li kkonfermat li l-imputat kien ħadha f'post mhux tas-soltu u li kienet weħidha. Dak in-nhar kien niżel, dawrilha wiċċha u biesha fuq xufftejha. Hi qaltlu biex iħalliha. Beda jmissiha jdejha u sidirha u qaltlu biex iħalliha. Kif kienet ser tqum imbuttha fuq is-sit. Din l-azzjoni saret darbtejn. Kienet taf li qegħdin ix-Xgħajra mit-tabella. Wara li ħarbet kien mar bil-vann warajha. Hu stedinha biex titla' u hi qaltlu li tagħmel hekk bil-patt u kundizzjoni li l-bieba tibqa' miftuħa. Wara mistqosija mill-Qorti x-xhud uriet li kien missilha minn irkobbtejha 'l fuq. Dak il-ħin kien għadu d-dlam u ebda bozza ma kienet tixgħel. Qatt qabel ma kellha esperjenzi bħal dawn u boyfriend qatt ma kellha. Waqt l-atti msemmija kienet

imbeżżgħa. Hi ppruvat tqum minn fejn kienet u imbuttaha. Hija kienet ħalliet lill-imputat jinżel jimsaħ il-ħġieġ u ħarbitlu. Reġgħet tenniet li x'ħin kienet ser tinżel imbuttaha. (fol.36) iżda ma bqax iżommha. Sakemm tasal l-iskola hi kienet tkun f'idejn ix-xufier (fol.38). Minn dak in-nhar 'l hawn l-imputat qatt ma kien avviċinaha. Meta mar ikellem liz-zija tagħha (fol.40), hi kienet wara l-bieb u semgħetu jgħid ;'Li għamilt insew kollox.' Mill-inċident 'l hawn ix-xhud ġieli kienet tistenbaħ bil-lejl għax toqgħod taħseb f'dik il-biċċaq. Hi qalet li qatt ma kellha xi tgħid ma' l-imputat u ħadd ma kien qalilha x'għandha tgħid.

12. Fil-kontro-eżami ma ftakritx li kien ħakkilha jdejha. Ma kenitx ħasset il-bard għax kellha ġakketta ħoxna. It-toroq fejn kienet niżlet ma kenitx tafhom**. Hija qalet li tħoss li għandha taħfirlu lix-xufier. (Ara fol 48 u 49) Hi qalet li kienet qed taħfirlu minn jeddha**. U f'paġina 50:

'Għax imbagħad għidtilhom jien ħa naħfirlu. Qaluli (tal-familja) la ħfirtlu int naħfulu aħna.'

13. Hija kkonfermat ukoll li kien hemm kuntatt bejn xufftejn ix-xufier u xufftejn ix-xhud (fol.53).

14. Xehdet "C", in-nanna ta' "A". Kienet ħarġet biex tmur tixtri u xi kwarta wara semgħet għajjat u twerżiq. "A" kienet imwerwra u qalet li ma riditx tmur aktar max-xufier. Itg-tifla rrakkontatilha x'ġara bl-istess dettalji li jidhru aktar 'il fuq. (fol.58). L-imputat kien qalilha li kien tħassar lit-tifla(fol58).

15. Xhud ieħor tal-Prosekuzzjoni kienet "D", iz-zija ta' "A". F'dak il-jum it-tifla bdiet tibki u tixher għax ma riditx tmur aktar u qalilha li kien biesha. Wara qaltilha li kien missilha kuxxtejha u sidirha. Imbagħad jum minnhom kien mar l-imputat u qalilha biex jiskużaha.(fol.62)

16. Xhud ieħor kienet "B", omm "A". Bintha kienet infurmata li kien ittantaha x-xufier billi missilha sidirha u saqajha u billi kien biesha. Bintha kienet għamlet jumejn ma torqodx. Meta kien raha Dr.Muscat kien taha ftit kalmanti biss u minn ġewwa ma kienx hemm tbagħbis.

(ara Dok.AG wara paġina 81). It-tifla kienet ħafret lix-xufier minħabba t-tfal ta' l-iskola u minħabba n-nies ta' Ħaż-Żabbar għax kulħadd jaf li hi. (fol 79).

17. "E" xehed li omm it-tifla kienet qaltlu li l-imputat (li jiġi z-ziju tar-rispett tax-xhud) kien bies lil "A". L-imputat kien ċaħad. Il-vann issa kien qed isuqu dan ix-xhud.

18. L-aħħar xhud tal-Prosekuzzjoni kienet WPC 210 Tanya Mangion li kienet preżenti waqt l-istqarrija ta' "A". Hija ikkonfermat li oħt l-imputat toqgħod fi triq mudlama kif ukoll id-dettalji l-oħra kollha li diġa' ssemmew. It-tifla kienet użat il-kelma 'ħatfilha' meta ddeskriviet kif l-imputat kien missilha sidirha u riġlejha

19. Id-difiża ma tellgħetx xhieda.

**Trattazzjoni**

20. Fit-trattazzjoni l-abbli Prosekutur issottometta li xhud wieħed huwa biżżejjed għal dik li hija prova. L-evidenza turi sew dak li għaddiet minnu l-vittma li kellha inqas minn tnax-il sena u rrefera għall-fol.29 fejn il-vittma qalet 'kont ser inqum meta imbuttani fuq is-sit.'. Semma wkoll l-atti magħmulin mill-imputat. Kien għadu dlam ċappa u t-tifla qalet 'Imbagħad jien ħrabtlu.' It-tifla kienet qalet id-detalji kollha quddiem l-imputat innifsu. Fl-aħaħr ta' l-istqarrija tiegħu, l-imputat qal 'Hekk hu.'

21. Id-difiża ssottomettiet li dan mhux każ fejn il-fatti huma kontestati. Iżda wieħed irid jeżamina jekk il-fatti jammontawx għall-imputazzjonijiet (jew ksur ta' la-rtikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali). Id-difiża argumentat li l-imputat ma żammx lit-tifla. L-actus reus innifsu huwa nieqes mill-imputazzjoni ta' arrest illegali. Il-kuntatt li kien hemm kien temporanju ħafna iżda ma jwasslax għll-xi konfinar f'post li fih l-aggressur għandu kontroll.

22. Id-difiża wkoll qalet li ma tistax tgħid li kien hemm għemil żieni għal dak li jirrigwarda l-artikolu 203. bewsa fuq ix-xufftejn mhux biżżejjed. Il-vittma stess qalet li meta lill-imputat qaltlu biex iħalliha, dan ħallieha. Huwa l-bacio

violento li jsemmi l-Carrara jew kuntatt ma' l-organi ġenitali. Imma fil-każ odjern m'hemmx fatti li jissuġġerixxu l-mens rea. Hawnhekk id-difiża rreferiet għall-każ 'Pulizija versus Raymond Mackay fejn il-Qorti qalet li l-ġudikant irid iqis jekk l-atti kinux intiżi biex jikkorrompu. Id-difiża rreferiet ukoll għal-każ 'Il-Pulizija versus AB' tal-11 ta' Mejju 2005 fejn il-Qorti qalet li saħansitra jista' jkun hemm kuntatt ma' l-organi ġenitali tal-minorenni iżda xorta waħda ma jkunx hemm l-għemil żieni.

23. Id-difiża ssottomettiet ukoll li l-aggravju ta' l-artikolu 203(1)(c) m'għandux japplika għal dan il-każ għaliex hawnhekk m'għandniex kwistjoni ta' bniedem li qiegħed jieħu ħsieb tat-tifla għal xi żmien. Ix-xufier mhux kuratur tat-tfal.

24. Fl-aħħarnett id-difiża ssottomettiet li mill-fatti ma jidhrix li kien hemm xi violent indecent assault.

25. Dwar il-piena d-difiża rreferiet għall-maħfra kemm tat-tifla kif ukoll tal-familjari tagħha.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

26. Mill-atti tal-proċess jirriżulta soddisfaċentement għall-Qorti li l-imputat
(a) bies lit-tifla,
(b) missilha sidirha u kuxxtejha u
(ċ) dan sar meta t-tifla kienet taħt l-eta' ta' tnax-il sena
(d) U f'post pubbliku.

27. L-Avukat Ġenerali ta dawn l-artikoli:

**201(a); 203; 207; 383; 20; u 533 tal-Kap 9.**

28. Minn dan jidher li l-Avukat Ġenerali ma tax l-artikolu 86 tal-Kap 9 li jkopri l-arrest illegali. Din kienet l-ewwel imputazzjoni mogħtija kontra l-imputat u ġaladarba l-Avukat Ġenerali ma tax l-artikolu relevanti, il-Qorti ma tistax teżamina l-atti proċesswali ħalli tara jekk l-ewwel imputazzjoni tirriżultax. Konsegwentement, il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni.

29. Il-Qorti ser teżamina l-artikoli mogħtija seriatim: l-ewwel artikoli huwa 201(a) tal-Kap 9.

Dan l-artikolu jgħid hekk:

‘L-istupru u kull attentat ieħor għall-pudur jitqies dejjem bħala vjolent

(a) meta jsir fuq persuna taħt l–eta’ ta’ tnax-il sena.’

Isegwi li jekk mill-atti proċesswali jirriżultaw jew ir-reat taħt l-artikolu 203 jew taħt l-artikolu 207 jew taħt it-tnejn, l-element ta’ vjolenza huwa preżunt mil-liġi minħabba li l-vittma kienet taħt l-eta’ ta’ tnax-il sena.

30. L-artikolu 203 huwa dwar korruzzjoni ta’ tfal ta’ taħt l-eta’. Dan jgħid hekk:

‘(1) Kull min, b’għemil żieni, jikkorrompi persuna ta’ taħt l-eta’, tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, jeħel meta jinsab aħti, il-piena ta’ priġuenrija għal żmien mhux iżjed minn tliet snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha:

Iżda, il-piena għal dan id-delitt tkun ta’ priġunerija minn tleit snin sa sitt snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha, f’kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) jekk id-delitt isir bi ħsara ta’ persuna li ma għalqitx l-eta’ ta’ tnax-il sena, jew bi vjolenza;’

31 Skond il-Professur Mamo,[1] l-elementi tar-reat ta’ korruzzjoni ta’ minorenni huma dawn li ġejjin:

(a) Il-persuna passiva jrid ikollha inqas minn tmintax-il sena;

[1] Professur Anthony Mamo Criminal Law Notes Part II page 202

(b) l-element materjali li jikkonsisti f'għemil żieni li jeskludi kliem, stampi, kotba jew riproduzzjonijiet għalkemm dawn ikunu indeċenti jew joffendu l-morali;

L-għemil żieni jrid ikun kommess jew fuq il-persuna tal-minorenni jew fil-preżenza tiegħu. Il-Liġi ma tagħmel ebda distinzjoni meta titkellem dwar 'għemil żieni.' Skond l-istess Professur Anthony Mamo din l-espressjoni tinkludi l-atti kollha li jissoddisfaw l-aptit sesswali.[2]

***'Besides carnal connection, other lewd acts of lesser gravity perpetrated on the person or in the presence of a minor would constitute the crime, provided they are calculated to defile the minor by exciting sexual passion or desire. It need hardly be said that although the law speaks of lewd acts (plural), it must not be imagined that one single act, if calculated to defile, will not be sufficient. The plural is used by the law to denote the species and not the number of acts.'***

(ċ) It-tielet element huwa l-korruzzjoni. Hawn tqum il-kwistjoni jekk persuna li tkun korrotta tistax tkun korrotta aktar jew le.

(d) Għal dik li hija intenzjoni, m'hemmx bżonn intenzjoni speċifika li wieħed jikkorrompi. Il-korruzzjoni, tkun intenzjonata jew le, għandha titqies bħala konsegwenza naturali ta' l-atti fihom infushom u dak li qed jiġġudika jrid jiddeċiedi jekk l-atti kinux iwasslu għall-korruzzjoni.

***'If the acts are inherently capable of this effect it is impossible to maintain that the agent who willed the acts did not also will and intend the consequences inherent in their nature.
'***

(e) Il-kwerela tal-parti

32. Mill-proċess jirriżulta li kien hemm il-kwerela tal-parti a fol.23. Matul il-proċeduri il-vittma ħafret lill-imputat (fol.48)

[2] ibidem: page 203

għalkemm l-omm ma kenitx daqshekk ċara (ara fol.79). Iżda wkoll jekk, dwar il-kwerela, wieħed jieħu l-aħjar ipotesi favur l-imputat jibqa' l-fatt li l-post fejn seħħew l-azzjonijiet kien wieħed pubbliku kemm għaliex il-karozza kienet diġa' qegħda fit-triq kif ukoll għaliex dak il-ħin il-vann kien diġa' beda r-ronda tiegħu biex jiġbor it-tfal. **Għalhekk, wara li l-Qorti kkonsidrat l-artikolu 544 tal-Kap 9, issib li l-proċeduri għandhom jibqgħu għaddejjin.**

33. L-element tal-vjolenza huwa preżunt mil-Liġi kif ukoll ippruvat mill-fatti għaliex il-vittma kienet taħt l-eta' u rreżistiet bil-qawwa limitata ta' tifla l-atti magħmulin mill-imputat.

**Atti libiduniżi**

33. Il-punt kjavi fl-eżami ta' dan l-artikolu huwa jekk l-atti li seħħew jistgħux jitqiesu atti libidinużi. L-ewwelnett ma tirriżulta ebda konġunzjoni karnali u lanqas xi evidenza li ntmessu l-ġenitali tal-vittma (bħalma juri ċ-ċertifikat tat-tabib).

34. Iżda biex ikun hemm att żieni m'hemmx għalfejn ikun hemm il-konġunzjoni karnali. Skond l-Antolisei:

***'Il codice vigente ha abbandonato questo criterio (cioe' ogni estrinsecazione dell'istinto sessuale che non fosse diretta al congiungimento carnale) adottando quello oggettivo della natura dell'atto e considera 'atto di libidine' lo sfogo dell'appetito di lussuria diverso dalla congiunzione carnale. Rientrano, pertanto, nella figura criminosa in parola tutte le manifestioni dell'istinto sessuale, e cioe' tutte le forme in cui puo' estrinsecarsi la libidine, escluso il coito.***

***Omissis***

***Senonche' l'articolo citato incrimina nel capoverso anche alter atti di libidine e precisamente quelli che il soggetto passivo sia costretto o indotto a***

***commettere: a) su se stesso (per es. masturbarsi); b) sulla persona colpevole ( per es: masturbare l'agente); c) su altre persone (per esempio: masturbare un terzo)***

***L'elemento materiale del delitto consiste nel compimento dell'atto di libidine, il quale puo' assumere le forme piu' svariate, dal semplice palpamento alle piu' aberranti anomalie. E' necessario, pero', in ogni caso un contatto corporeo senza occorra che questo sia al nudo o riguardanti direttamente gli organi genitali.***

***Omissis***

***Con la realizzazione dell'atto di libidine il reato e' consumato, non essendo necessario che il soggetto sia pervenuto a soddisfare la sua concupiscenza (emissio seminis). Un solo atto e' sufficiente per concretare il delitto, perche' e' fuori dubbio ed incontestato che nella formula della legge il plurale 'atti di libidine' e' usato in senso indeterminativo.'***[3]

**Il-bewsa li ngħatat mill-imputat**

35. Fil-ġurisprudenza tagħna l-Qorti eżaminat il-bewsa mogħtija f'post pubbliku waqt li l-Qorti kienet qed tagħmel analiżi ta' l-artikolu 207 – attentat għall-pudur bil-vjolenza. Fis-sentenza tat-12 ta' Marzu, 1960, fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Spiru Silvio'[4] il-Qorti kienet qalet hekk waqt li kkwotat mill-Carrara:

***'A proposito l-Carrara (Progr. Parte Speciale Vol II Nota (1) p 410) jgħid hekk: 'Vi fu violenza nell'atto? Vi fu scopo di libidine? Il senso morale del popolo considera quell'atto come impudico? Ove ricorrono queste tre condizioni, esiste il delitto di oltraggio violento al pudore. Cose' io riconosco gli elementi dell'oltraggio anche nel semplice bacio violento.'***

[3] Antolise F. Manuale di Diritto Penale Parte Speciale I pagine 441 and 442.
[4] Imħallef Dr.W.Harding Qorti ta' l-Appell Kriminali paġina 845

Minn dan li ġie relevat, għalhekk, jidher ċar li l-elementi li jikkostitwixxu l-ipotesi tal-liġi huma l-bewsa mogħtija f'post pubbliku jew espost għall-pubbliku, tkun vjolenta, u li tkun ingħatat f'ċirkostnazi li juru, mhux l-iskop ta' nġurja jew molestja imam l-iskop ta' libidini. Minn dawn iż-żewġ elementi toħroġ l-impudiċizja ta' l-att għas-sens morali tal-pubbliku.'[5]

36. Dwar il-bewsa li ngħatat lit-tifla, il-Qorti hija tal-fehma li, jekk tittieħed għaliha weħidha, din aktar taqa' taħt l-artikolu 207 milli taħt l-artikolu 203.

**Il-mess tas-sider u tal-kuxxtejn**

37. Jonqos issa li l-Qorti tikkonsidra jekk il-mess tas-sider u tal-kuxxtejn tat-tifla jaqax taħt l-artikolu 203. Dan huwa punt importanti ħafna u il-Qorti qed tirreferi fit-tul għal dak li ngħad fis-sentenza deċiża mill-Imħallef (illum Prim Imħallef) Dr.Vincent De Gaetano fit-13 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus Joseph Micallef'** sabiex tagħmel il-konklużjonijiet taħgha. F'dik is-sentenza l-Qorti kienet qalet hekk:

'Kif ġie spjegat maġistralment mill-kompjant Imħallef William Harding fis-sentenza tat-8 ta' Jannar 1955, fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Kelinu Mifsud' (Vo.XXXIX.IV.931), il-kriterju differenzjali senjat mil-liġi stess bejn i-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni u dak ta' attentat vjolent għall-pudur huwa wieħed negattiv, fis-sens li jekk jikkonkorru fil-fatt addebitat lill-imputat ir-rekwiżiti tal-korruzzjoni ta' minorenni hemm dan id-delitt, jekk le hemm attentat vjolent għall-pudur (p.933). Din il-Qorti diġa' kellha l-okkażjoni li teżamina fid-dettal l-element materjali tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Jannar 1996 fl-ismijiet 'The Police versus Thomas Wiffen'. F'din is-sentenza kien ġie spjegat, fi kliem il-ġurista Francesco Carfora, li:

---

[5] ibidem 850

***‘Atti di libidine ……debbono ritenersi tutti quei contatti e quelle manvore che possono, anche se non giungono allo sfogo complete della libidine…..Senza poi entrare nelle varie sorte nella pratica e nella giurisprudenza circa alla valutazione di dingoli atti per vedere se debbasi o no attribuir loro il carattere di atti di libidine….noi rileveremo come norma generale che gli atti, a cui si riferisce la legge, debbono essere materiali e di una certa entita’ e tali da aver rapporto prossimo e diretto colle funzioni sessuali.’ (Digesto Italiano Vol.VIII parte 3 p.967).***

Il-Qorti m’għandhiex dubju li, taħt ċerti ċirkostanzi, li wieħed imiss is-sider ta’ tfajla **jista’** jammonta għal att ta’ libidini. Fil-każ ta’ ‘Wiffen’ is-suġġett attiv (missier il-minorenni) kien ta’ spiss imiss is-sider ta’ bintu taħt it-tnax-il sneak if ukoll xi mindaqqoiet il-parti private taħgha (pero’ dejjem fuq il-ħwejjeġ) filwaqt li kien jgħidilha biex tħallih jagħmel hekk sabiex ikun jista’ jissodisfa l-ġibdiet sesswali tiegħu. F’dak il-każ il-Qorti kienet mingħajr l-iċken eżitazzjoni sabet li kien hemm atti ta’ libidinin fis-sens tal-liġi tagħna. Mill-banda l-oħra, kif ġie osservat fis-sentenza ‘Il-Pulizija versus Kelinu Mifsud’:

***‘Għandu jiġi osservat li fil-korruzzjoni ta’ minorenni, appuntu minħabba mhux biss il-kliem ‘atti di libidini’ imma anke stante l-kelma jikkorrompi, hemm indikata l-opera perikoluża tas-seduzzjoni, li, kif irrilevat il-Kummissjoni tal-Kamra tad-Deputati fl-Italja fid-diskussjoni tal-porġett Kodiċi Kriminali ta’ l-1887 (Relaz CXCIX) għandha tiġi differenjat minn ‘un fuggevole atto lesivo del pudore.’ (p.934).***

Fi kliem ieħor l-istess att jista’ jammonta għal att leżiv tal-pudur ta’ dak li jkun jew, jekk ikunu jikkonkorru ċerti ċirkostanzi li jagħmlu hekk, dak l-att ikun att ta’ libidini. **Il-Liġi tagħna tikkontempla li r-reat ta’ attentat vjolent għall-pudur jista’ jiġi kommess anke fuq minorenni,** (emfasi ta’ din il-Qorti) kif jista’ jiġi kjarament desunt kemm mill-fatt li l-proviso ta’ l-artikolu 207 tagħmel referenza għall-paragrafu (g) ta’ l-artikolu 202 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll mill-artikolu 201(a) ta’ l-istess Kodiċi. Għalhekk

wieħed ma jistax jargumenta li kull att lesiv tal-pudur ta' minorenni jammonta għal att ta' libidini.'

38. Il-każ li għandha quddiemha llum din il-Qorti jixbaħ sew lill-każ li Qorti għamlet referenza għalih hawn fuq u għalhekk ser timxi miegħu bħala gwida. Il-Qorti tqis li l-atti kommessi mill-imputat huma deplorevoli iżda li dawn ma kinux jammontaw għal atti ta' libidini fis-sens tal-liġi tagħna. Peress li dawn kienu tokkamenti ta' malajr u mingħajr ma ġew preċeduti jew segwiti b'xi attiduni ta' seduzzjoni kienu nieqsa mill-potenzjalita' korruttriċi.

39. Għaldaqstant il-Qorti mhux qed issib lill-imputat ħati tar-reat taħt 203(1)(a) tal-Kap 9 u konsegwentement qed tilliberah mit-tieni imputazzjoni.

**L-artikolu 207**

40. Dan l-artikolu huwa dwar attentat għall-pudur bil-vjolenza. L-artikolu jgħid hekk:

**'Kull min jinsab ħati ta' attentat vjolent għall-pudur li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wieħed mid-delitti kkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jeħel il-priġuneirja minn tliet xhur sa sena.'**

41. Id-definizzjoni ta' attentat vjolent għall-pudur hija waħda eliminatorja. Wara li l-leġislatur elimina r-reati taħt dan is-subtitolu, il-Liġi toħloq piena aktar minuri. L-għemil żieni huwa biżżejjed jekk dan joffendi l-pudur tal-vittma. Is-suġġett attiv jista' jkun kull persuna u l-istess kumment jgħodd għas-suġġett passiv. Il-vjolenza kontemplata u preżunta fl-artikolu 201 (a) tapplika għal dan l-artikolu wkoll. Jgħoddu l-aggravji taħt l-artikolu 202 iżda skond is-sub-paragrafu (g) l-vittma trid tkun taħt id-disa' snin (li ma jgħoddx għall-każ odjern). L-atti m'hemmx bżonn ikunu fuq il-persuna (Ara Il-Pulizija versus Orazio Godwin sive Horace Laudi, Qorti ta' l-Appell Kriminali 9 ta' Ġunju 1977). Il-Qorti ssib lill-imputat ħati taħt dan l-artikolu għaliex l-atti li għamel jilledi s-sens ta' pudur tat-tifla li

kienet għadha taħt it-tnax-il sena li ħasset li hemm xi ħaġa mhix korretta għax irreżistitet kif setgħet u anke ħarbet kif ġietha l-okkażjoni. Ukoll li kieku ma kinitx teżisti l-preżunzjoni li għandhna fil-Liġi tagħna, jirriżulta ċar li dak li għamel l-imputat kien kontra rieda tat-tifla u għalhekk sar vjolentement.

42. Għaldaqstant il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tar-reat taħt l-artikolu 207 tal-Kap 9 u konasegwentement tat-tielet imputazzjoni dedotta kontra tiegħu.

43. Il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tapplika l-artikoli 20 u 533 għax fl-artikoli msemmija m'hemmx imsemmija l-kondizzjoni kkontemplata fl-artikolu 20 u matul il-proċeduri ma tqabbdu ebda esperti.

44. Għaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 201(a), 203 (1)(a), 207, 383, 20 u 533 qed issib lill-imputat

(a) **mhux** ħati li kkommetta xi reat taħt l-artikolu 203(1)(a) u qed tilliberah minn kull ħtija taħt dan l-artikolu u taħt it-tieni imputazzjoni ;

(b) qed issibu ħati taħt l-artikolu 207.

(ċ)mhix tapplika l-artikoli 20, u 533 izda qed tapplika l-artikolu 383.

45. Dwar il-piena, il-Qorti qed tqis li l-vittma ħafret lill-imputat kif ukoll li l-imputat għandu fedina penali prattikament nadifa. Min-naħa l-oħra, il-Qorti qed tikkonsidra l-ħin ta' meta sar ir-reat u l-fatt li din it-tifla kienet għal kollox weħidha max-xufier li kellu jwassalha l-iskola. Ghaldaqstant, wara li rat li l-artikolu 207 jipprovdi massimu ta' sena priġunerija, **stante l-maħfra**, qed tikkundanna lill-imputat ghall-piena ta' seba' (7) xhur priġunerija.

46. Il-Qorti qed torbot ukoll lill-imputat li ghal zmien sena mil-lum ma jersaqx lejn il-vittma, ommha jew qraba viċini tagħha taħt obbligazzjoni ta' mitt lira Maltija (Lm100).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------